**13 ta' Jannar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Paolo Scerri et.

*versus*

Carmelo Farrugia et.

**Servitù — Ilma — Titolu — Nullità — Art 492(3), 506(1) u 495 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Is-servitù tal-mili tal-ilma hija diskontiwa; u s-servitujiet diskontinwi, sew jekk ikunu jew ma jkunux apparenti, ma jistgħux jiġu stabbiliti mingħajr titolu, u ma jistabbilixxux ruħhom bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni tal-missier tal-familja. U b'titolu kostituttiv tas-servitù l-liġi tifhem l-att publiku.*

*Għaldaqstant, ftehim bejn gabillotti dwar servitù ta' mili tal-ilma, biex jirregolaw bejniethom l-użu tal-ilma, ma jiswiex jekk ma jkunx sar b'att publiku.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi proprio et nomine, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti opportuni, billi l-atturi u l-konvenut Carmelo Farrugia jippossjedu bħala gabillotti żewġ għelieqi limitrofi fil-limiti ta' Ħad-Dingli, kuntrada "ta' Wied il-Ġibjun", proprjetà tal-Gvern, li huma anki limitrofi mal-għalqa "tal-Mirjieh" posseduta mill-istess konvenut Carmelo Farrugia, proprjetà però ta' martu l-konvenuta Fortunata Farrugia; u billi, b'akkordju u spejjeż komuni, kienu saru żewġ ħofor tal-ilma għas-saqi imniffda bejniethom, waħda fuq il-linja tal-ħajt diviżorju bejn ir-raba' tal-atturi u tal-konvenut Carmelo Farrugia, u l-oħra aktar baxxa u fonda fil-għalqa proprjetà tal-konvenuta Fortunata Farrugia, u dan sabiex kull wieħed mill-gabillotti jista' jieħu ilma miż-żewġ ħofor għar-raba' tiegħu; u billi l-instanti ġew impeduti milli jkomplu jieħdu ilma mill-ħofra eżistenti fil-fond proprjetà tal-konvenuta Fortunata Farrugia meta fil-ħofra l-oħra jkun tbaxxa żżejjed l-ilma, u dan kontra l-imsemmi akkordju oriġinarjament stabbilit, u b'dannu u preġudizzju tar-raba' dete-

nut mill-instanti; talbu illi jiġi stabbilit minn din il-Qorti, okkorrendo b'opra ta' periti nominandi, il-mod kif kull wieħed mill-kontendenti, in eżerċizzju tal-akkordju oriġinali magħmul dwar l-użu tal-ilma mill-imsemmija żewġ ħofriet, għandu jeżerċita d-dritt li jieħu u jisserva bl-ilma mill-imsemmija żewġ ħofor għall-użu tar-raba' tiegħu. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tas-27 ta' Mejju 1958;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

**Mill-provi, il-fatti li taw lok għall-kawża huma dawn li sejrin jiġu relatati . . . . . ;**

Ikkunsidrat;

Illi, relatati l-fatti u l-affermazzjonijiet tax-xhieda prinċipali, qabel xejn jingħad li l-kawża, in kwantu diretta kontra Fortunata Farrugia ġiet rinunzjata (fol. 9 tal-proċess), u kwindi din il-Qorti fil-konfront tagħha tastjeni ruħha milli tagħti ebda deċiżjoni;

Illi, dwar u fil-konfront ta' Carmelo Farrugia u l-kjamata fil-kawża Grazia xebba Farrugia, jingħad li l-azzjoni attriċi hija ntiża biex tikkonferma akkordju tas-servitù tal-mili tal-ilma, li hija servitù diskontinwa (ara art. 492 (3), Kodiċi Ċivili), sabiex jiġu regolati l-modi tal-użu tagħha;

Illi skond l-art. 506(1) u 495 tal-Kodiċi Ċivili kombinati flimkien, it-talba attriċi ma tistax tiġi milqugħa bil-favur. Infatti, is-servitujiet diskontinwi (bħal ma hija dik ta' mili ta' ilma), sew jekk ikunu jew ma jkunux apparenti, ma jistgħux jiġu stabbiliti mingħajr titolu, u ma jistabbilixxux ruħhom bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni tal-missier tal-familja; u b'titolu kostituttiv ta' servitù l-liġi tifhem l-att publiku fis-sens tal-art. 495, fejn huwa maħsub li bla att publiku l-kostituzzjoni ta' servitù hija nulla;

Illi l-atturi jippretendu li sar ftehim bejn Saliba, li minnu jitnisslu, u Carmelo Farrugia, fis-sens li, meta jispiċċa l-ilma fil-ħofra komuni minnhom imsemmija, huma kellhom id-dritt imorru jiġbru l-ilma mill-ħofra pratikata fuq u fil-proprjetà privata tal-kjamata fil-kawża. L-instanti u x-xhud tagħhom Saliba jammettu li dan il-ftehim ma sarx bil-miktub, jew b'att publiku, u kwindi anki jekk verament dak il-ftehim kellu jingħad li fil-fatt seħħ, bħala affermanti kostituzzjoni ta' servitù, li għaliha huwa meħtieġ it-titolu, li huwa l-att publiku, ma jiswa xejn u huwa null;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi. bl-ispejjeż, u tastjeni ruħha milli taqta' l-kawża fil-konfronti ta' Fortunata Farrugia, l-għaliex l-istess ġiet rinunzjata.